Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 128/21**

il-Lussemburgu, 15 ta' Lulju 2021

Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-804/18 u C-341/19
WABE u MH Müller Handel

# Il-projbizzjoni ta' lbies ta' kwalunkwe forma viżibbli ta' espressjoni tat-twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol tista' tiġi ġġustifikata mill-ħtieġa tal-persuna li timpjega li tippreżenta ruħha b'mod newtrali fil-konfront tal-klijenti tagħha jew sabiex tevita kunflitti soċjali

*Madankollu, din il-ġustifikazzjoni għandha tissodisfa ħtieġa reali tal-persuna li timpjega u, fil-kuntest tal-konċiljazzjoni tad-drittijiet u interessi inkwistjoni, il-qrati nazzjonali jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni l-kuntest rispettiv tal-Istat Membru tagħhom u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet nazzjonali iktar favorevoli f'dak li jirrigwarda l-protezzjoni tal-libertà ta' reliġjon*

IX u MJ, impjegati fi ħdan kumpanniji rregolati bid-dritt Ġermaniż bħala, rispettivament, għalliema ta' studenti bi bżonnijiet speċjali, u bejjiegħa u kaxxiera, libsu, fuq il-post tax-xogħol rispettiv tagħhom, velu Iżlamiku.

Peress li qieset li l-ilbies ta' tali velu ma kienx jikkorrispondi mal-politika ta' newtralità politika, filosofika u reliġjuża segwita fil-konfront tal-ġenituri, tat-tfal u tat-terzi, il-persuna li timpjega ta' IX, WABE eV talbitha tneħħi dan il-velu u, wara r-rifjut tagħha, issospendietha provviżorjament darbtejn mill-funzjonijiet tagħha, filwaqt li imponiet fuqha twissija. Il-persuna li timpjega lil MJ, MH Müller Handels GmbH, fir-rigward tagħha, quddiem ir-rifjut tagħha li tneħħi l-velu fuq il-post tax-xogħol tagħha, l-ewwel assenjatha għal pożizzjoni oħra li tippermettilha tilbes l-imsemmi velu, u sussegwentement, wara li bagħtitha d-dar, talbitha tippreżenta ruħha fuq il-post tax-xogħol tagħha mingħajr simboli prominenti u ta' daqs kbir ta' espressjoni ta' kwalunkwe twemmin reliġjuż, politiku jew filosofiku.

IX adixxiet lill-Arbeitsgericht Hamburg (il-Qorti Industrijali ta' Hamburg, il-Ġermanja) b'rikors intiż li WABE tiġi kkundannata tirtira mill-fajl personali tagħha t-twissijiet dwar l-ilbies tal-velu Iżlamiku. Min-naħa tagħha, MJ ippreżentat rikors quddiem il-qrati nazzjonali intiż li tiġi kkonstatata l-invalidità tal-ordni ta' Müller Handel u li tikseb kumpens għad-dannu subit. Peress li MJ rebħet quddiem dawn il-qrati, Müller Handel ippreżentat rikors għal reviżjoni quddiem il-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja).

Huwa f'dan il-kuntest li ż-żewġ qrati tar-rinviju ddeċidew li jistaqsu lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2000/78 [1]. B'mod partikolari l-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mistoqsija jekk regola interna ta' impriża, li tipprojbixxi lill-ħaddiema milli jilbsu kwalunkwe simbolu viżibbli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol, tikkostitwixxix, fil-konfront tal-ħaddiema li josservaw ċerti regoli ta' lbies skont regoli ta' kondotta reliġjużi, diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, f'liema kundizzjonijiet l-eventwali differenza fit-trattament indirettament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin li tirriżulta minn tali regola tista' tiġi ġġustifikata u liema huma l-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-eżami tan-natura xierqa ta' tali differenza fit-trattament.

Fis-sentenza tagħha, mogħtija fl-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża b'mod partikolari f'liema kundizzjonijiet differenza fit-trattament indirettament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, li tirriżulta minn tali regola interna, tista' tiġi ġġustifikata.

[1] Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

**Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja**

Il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina, fl-ewwel lok, b'rabta mal-Kawża C-804/18, jekk regola interna ta' impriża, li tipprojbixxi lill-ħaddiema milli jilbsu kwalunkwe simbolu viżibbli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol, tikkostitwixxix, fil-konfront tal-ħaddiema li josservaw ċerti regoli ta' lbies skont regoli ta' kondotta reliġjużi, diskriminazzjoni diretta bbażata fuq ir-reliġjon jew fuq it-twemmin, ipprojbita mid-Direttiva 2000/78 [2].

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-ilbies ta' simboli jew ta' ħwejjeġ sabiex wieħed juri r-reliġjon jew it-twemmin huwa kopert mil-"libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon" [3]. Barra minn hekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78, il-kliem "reliġjon" u "twemmin" għandhom jiġu analizzati bħala ż-żewġ naħat tal-istess u l-unika raġuni ta' diskriminazzjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar il-ġurisprudenza tagħha li tgħid li tali regola ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni diretta peress li din tirrigwarda b'mod indifferenti kwalunkwe manifestazzjoni ta' tali twemmin u titratta b'mod identiku lill-ħaddiema kollha tal-impriża, billi timponi fuqhom, b'mod ġenerali u mingħajr differenza, newtralità tal-ilbies li tipprekludi l-ilbies ta' tali simboli. Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li din il-konstatazzjonijiet ma hijiex ikkontestata mill-kunsiderazzjoni li ċerti ħaddiema josservaw regoli ta' kondotta reliġjużi li jimponu li jintlibes ċertu lbies. Fil-fatt, għalkemm regola bħal dik imsemmija iktar 'il fuq ċertament hija ta' natura li tikkawża inkonvenjenza partikolari għal tali ħaddiema, din ma taffettwax il-konstatazzjoni li din l-istess regola, li tirrifletti politika ta' newtralità tal-impriża, bħala prinċipju ma tistabbilixxix differenza fit-trattament bejn ħaddiema bbażata fuq kriterju marbut b'mod inseparabbli mar-reliġjon jew mat-twemmin.

F'dan il-każ, ir-regola inkwistjoni donnha ġiet applikata b'mod ġenerali u mingħajr distinzjoni, peress li l-persuna li timpjega kkonċernata rrikjediet ukoll u kisbet minn impjegata liebsa salib reliġjuż it-tneħħija ta' dan is-simbolu. Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li, f'dawn il-kundizzjonijiet, regola bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tikkostitwixxix, fil-konfront tal-ħaddiema li josservaw ċerti regoli ta' lbies skont regoli ta' kondotta reliġjużi, diskriminazzjoni diretta bbażata fuq ir-reliġjon jew fuq it-twemmin.

Il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina, fit-tieni lok, jekk differenza fit-trattament indirettament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin [4], li tirriżulta minn tali regola interna, tistax tiġi ġġustifikata mir-rieda tal-persuna li timpjega li ssegwi politika ta' newtralità politika, filosofika u reliġjuża fil-konfront tal-klijenti jew utenti tagħha, sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-aspettattivi leġittimi tagħhom. Hija tirrispondi fl-affermattiv, filwaqt li tidentifika l-elementi li jikkundizzjonaw din il-konklużjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva, qabelxejn, li r-rieda ta' persuna li timpjega li turi, fir-relazzjonijiet mal-klijenti, politika ta' newtralità politika, filosofika jew reliġjuża tista' tikkostitwixxi għan leġittimu. Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża madankollu li din is-sempliċi rieda ma hijiex biżżejjed, bħala tali, sabiex tiġġustifika b'mod oġġettiv differenza fit-trattament ibbażata indirettament fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, peress li n-natura oġġettiva ta' tali ġustifikazzjoni tista' tiġi identifikata biss fil-preżenza ta' ħtieġa reali ta' din il-persuna li timpjega. L-elementi rilevanti sabiex tiġi identifikata tali ħtieġa huma b'mod partikolari d-drittijiet u l-aspettattivi leġittimi tal-klijenti jew tal-utenti u, b'mod partikolari, fil-qasam tat-tagħlim, ix-xewqa tal-ġenituri li jaraw lit-tfal tagħhom imdawra b'persuni li ma jurux ir-reliġjon tagħhom jew it-twemmin tagħhom meta jkunu f'kuntatt mat-tfal.

Sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' tali ħtieġa, huwa b'mod partikolari rilevanti li l-persuna li timpjega tkun ipproduċiet il-prova li, fl-assenza ta' tali politika ta' newtralità, tiġi ppreġudikata l-

[2] Artikolu 1 u Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78.
[3] Protetta mill-Artikolu 10 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
[4] Fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78, li jipprojbixxi kull diskriminazzjoni indiretta, ibbażata b'mod partikolari fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, sakemm il-kriterju jew il-prattika li jirriżulta minnha ma jkunx oġġettivament iġġustifikat minn għan leġittimu u l-mezzi sabiex jintlaħaq dan l-għan ikunu xierqa u neċessarji.

libertà ta' intrapriża tagħha [5], sa fejn, fid-dawl tan-natura tal-attivitajiet tagħha jew tal-kuntest li jidħlu fih, hija ssofri konsegwenzi sfavorevoli.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża, sussegwentement, li l-imsemmija differenza fit-trattament għandha tkun adatta sabiex tiżgura l-applikazzjoni tajba tal-imsemmija politika ta' newtralità, li jippreżupponi li din il-politika tiġi segwita b'mod koerenti u sistematiku. Fl-aħħar nett, il-projbizzjoni tal-ilbies ta' kwalunkwe simbolu viżibbli ta' twemmin politiku, filosofiku u reliġjuż fuq il-post tax-xogħol għandha tkun limitata għal dak li huwa strettament neċessarju fid-dawl tal-kobor u tal-gravità reali tal-konsegwenzi sfavorevoli li l-persuna li timpjega tfittex li tevita permezz ta' tali projbizzjoni.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina, b'rabta mal-kawża C-341/19, jekk diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin li tirriżulta minn regola interna ta' impriża li tipprojbixxi, fuq il-post tax-xogħol, l-ilbies ta' simboli viżibbli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż, bl-għan li tiġi żgurata politika ta' newtralità fi ħdan din l-impriża, tistax tiġi ġġustifikata biss jekk din tkopri kull forma viżibbli ta' espressjoni ta' tali twemmin jew jekk tistax tiġi ammessa projbizzjoni limitata għall-ilbies ta' simboli prominenti u ta' daqs kbir, sakemm din tiġi implimentata b'mod koerenti u sistematiku.

Hija tenfasizza, f'dan ir-rigward, li tali projbizzjoni limitata tista' taffettwa b'mod iktar serju lill-persuni li jaderixxu ma' prattiki reliġjużi, filosofiċi u non-konfessjonali li jipprevedu l-ilbies ta' ilbies jew ta' simbolu prominenti ta' daqs kbir, bħal xedd ir-ras. Għalhekk, meta l-kriterju tal-ilbies ta' simboli prominenti ta' daqs kbir tat-twemmin ippreċitati huwa marbut b'mod inseparabbli ma' reliġjon jew twemmin partikolari wieħed jew diversi, il-projbizzjoni tal-ilbies ta' dawn is-simboli abbażi ta' tali kriterju jkollha l-konsegwenza li ċerti ħaddiema jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn oħrajn abbażi tar-reliġjon tagħhom jew tat-twemmin tagħhom, li huwa ekwivalenti għal diskriminazzjoni diretta, li ma tistax tiġi ġġustifikata.

Fl-ipoteżi li diskriminazzjoni diretta ma kellhiex tiġi kkonstatata, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li differenza fit-trattament bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tkun tikkostitwixxi, jekk din twassal għal żvantaġġ partikolari għall-persuni li jaderixxu għal reliġjon jew għal twemmin partikolari, diskriminazzjoni indiretta, li tkun tista' tiġi ġġustifikata biss jekk il-projbizzjoni tkopri kwalunkwe forma viżibbli ta' espressjoni tat-twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż. Hija tfakkar, f'dan ir-rigward, li politika ta' newtralità fi ħdan l-impriża tista' tikkostitwixxi għan leġittimu u għandha tissodisfa ħtieġa vera tal-impriża, bħall-prevenzjoni tal-kunflitti soċjali jew il-preżentazzjoni tal-persuna li timpjega b'mod newtrali fil-konfront tal-klijenti, sabiex tiġġustifika b'mod oġġettiv differenza fit-trattament indirettament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin. Issa, sabiex tali politika tiġi segwita b'mod effettiv, ebda manifestazzjoni viżibbli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż ma għandha tiġi ammessa meta l-ħaddiema huma f'kuntatt mal-klijenti jew huma f'kuntatt bejniethom għaliex l-ilbies ta' kwalunkwe simbolu, anki ta' daqs żgħir, jikkomprometti l-kapaċità tar-regola li tilħaq l-għan imfittex.

Fir-raba' lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li dispożizzjonijiet nazzjonali li jipproteġu l-libertà tar-reliġjon jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, bħala dispożizzjonijiet iktar favorevoli [6], fil-kuntest tal-eżami tan-natura xierqa ta' differenza fit-trattament indirettament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin. F'dan ir-rigward, hija tfakkar, fl-ewwel lok, li, fl-eżami tan-natura xierqa, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b)(i) tad-Direttiva 2000/78, tar-restrizzjoni li tirriżulta minn miżura intiża li tiżgura l-applikazzjoni ta' politika ta' newtralità politika, filosofika u reliġjuża, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni d-diversi drittijiet u libertajiet inkwistjoni u li huma l-qrati nazzjonali, fid-dawl tal-elementi kollha tal-proċess inkwistjoni, li għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi inkwistjoni u li jillimitaw ir-restrizzjonijiet għal-libertajiet inkwistjoni għal dak li huwa strettament neċessarju. Dan ikun jippermetti li jiġi żgurat li, meta diversi drittijiet fundamentali u prinċipji sanċiti fit-trattati jkunu inkwistjoni, l-evalwazzjoni tal-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità ssir b'osservanza tal-konċiljazzjoni neċessarja tar-rekwiżiti marbuta mal-protezzjoni tad-diversi drittijiet u prinċipji

[5] Irrikonoxxuta fl-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

[6] Fis-sens tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2000/78, li jkopri d-dispożizzjonijiet iktar favorevoli għall-protezzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament minn dawk previsti fid-direttiva. Dan ikun il-każ, per eżempju, ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jissuġġettaw il-ġustifikazzjoni ta' differenza fit-trattament indirettament ibbażata fuq ir-reliġjon għal rekwiżiti ogħla milli jagħmel l-Artikolu 2(2)(b)(i) tal-imsemmija direttiva.

inkwistjoni u ta’ bilanċ ġust bejniethom. Hija tikkonstata, fit-tieni lok, li, billi ma wettaqx huwa stess, fid-Direttiva 2000/78, il-konċiljazzjoni neċessarja bejn il-libertà tal-ħsieb, ta’ twemmin u ta’ reliġjon u l-għanijiet leġittimi li jistgħu jiġu invokati bħala ġustifikazzjoni għal inugwaljanza fit-trattament, u billi ħalla l-kompitu li ssir din il-konċiljazzjoni lill-Istati Membri u lill-qrati tagħhom, il-leġiżlatur tal-Unjoni ppermetta li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest rispettiv ta’ kull Stat Membru u li jirrikonoxxi lil kull wieħed minnhom marġni ta’ evalwazzjoni fil-kuntest ta’ din il-konċiljazzjoni.

---

**TFAKKIRA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta’ kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta’ att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Immaġni tal-preżentazzjoni tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*